Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11504 – ICIG / EVONIK SUPERABSORBER COMPANIES)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4405)

1. Fl-1 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ICI Holding SE ("ICIG", il-Ġermanja), ikkontrollata minn International Chemical Investors Group GmbH ("ICI Group", il-Ġermanja), finalment ikkontrollata minn Dr Achim Riemann,

— Evonik Superabsorber GmbH ("ESG", il-Ġermanja), li tappartjeni għall-grupp Evonik Industries AG ("Evonik", il-Ġermanja),

— Evonik Superabsorber LLC ("ESL", l-Istati Uniti), li tappartjeni għall-grupp Evonik.

ICIG se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' ESG u ESL.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— ICIG hija grupp industrijali, li jiffoka fuq negozji kimiċi u farmaċewtiċi ta' daqs medju. In-negozji akkwistati minn ICIG kollha għandhom oriġini f'korporazzjonijiet kimiċi jew farmaċewtiċi globali,

— ESG hija attiva fil-produzzjoni ta' superassorbenti, jiġifieri sustanzi kimiċi li ma jinħallux (primarjament polimeri bbażati fuq il-poliakrilat) li jassorbu l-likwidi u ma jirrilaxxawhomx anki taħt pressjoni, kif ukoll fil-produzzjoni ta' aċidi akriliċi, prekursur għas-superassorbenti,

— ESL hija attiva wkoll fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' superassorbenti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

L-osservazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11504 – ICIG / EVONIK SUPERABSORBER COMPANIES

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË